



Dokument ta' sessjoni

B9-0481/2022

7.11.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kriżi migratorja attwali

Filip De Man, Gerolf Annemans, Tom Vandendriessche, Roman Haider, Harald Vilimsky, Rob Rooker, Gunnar Beck, Guido Reil, Maximilian Krah, Miroslav Radačovský, Emmanouil Fragkos, Susanna Ceccardi

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kriżi migratorja attwali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tal-1951,
 - wara li kkunsidra l-Protokoll ta' New York tal-1967 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll ta' New York tal-1967 u l-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-1969 dwar id-Dritt tat-Trattati,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fil-kriżi migratorja attwali, kull sena fl-UE daħlu bejn 2 miljun u 3 miljun migrant;
- B. billi l-Istati Membri għamlu sforzi enormi biex jilqgħu fi hdnhom lir-rifuġjati Ukreni;
- C. billi l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati kienet tirrigwarda inizjalment il-protezzjoni tar-rifuġjati Ewropej;
- D. billi l-Kummissjoni rrifjutat li twieġeb it-talba biex tingħata assistenza għall-bini ta' barrieri fiżiċi min-naħa ta' 12-il Stat Membru f'Ottubru 2021;
1. Jissottolinja li, skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra, il-push-backs tal-migranti lejn pajjiż li fih ikunu fil-periklu mhumiex illegali;
 2. Jissottolinja li huwa leġittimu li Stat kontraenti jirtira minn trattat jew partijiet minnu;
 3. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jiddenunzjaw lill-Protokoll tal-1967 u jerġgħu lura għall-Konvenzjoni inizjali tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati;
 4. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.